MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 212/2009/2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut C B tal-11 ta’ Lulju 2013 li permezz tieghu issottometta u talab is-segwenti:-

“Illi dan huwa rikors ai termini ta' l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

Illi skond l-artikolu 55 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina t-talba tista' ssir minn kull parti f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda u l-ordni relattiv ghandu jinghata b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Illi l-assi principali tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ossija d-dar matrimonjali u garaxx sottostanti inbieghu fil-mori ta' din il-kawza u b'hekk gew saldati d-djun mal-banek li kellhom il-kontendenti. L-unika ass li fadal in komun huwa garaxx iehor li l-attrici l-ewwel riedet iggieghel lill-esponenti jbiegh u issa, meta l-esponenti wera x-xewqa tieghu li jbiegh, rega' bdielha tant illi rtirat ir-rikors relattiv taghha ipprezentat minnha f'dan is-sens;

Illi ghalkemm il-provi f'dina l-kawza ta' firda personali qeghdin jinstemghu mill-Perit Legali l-Avukat Dottor Anna Mallia, ma fadal xejn li ghandu jwaqqaf lil dina l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti f'dan l-istadju;

Illi ladarba l-kontendenti ghaddejjin minn kawza ta' firda personali li hija pjuttost aggwerrita l-iskop tal-komunjoni ta' l-akkwisti spicca ghal kollox;

Illi hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregudizzju u dana peress li l-esponenti dejjem hallas il-manteniment ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fiz-zmien u di piu id-djun mal-banek gew saldati. Inoltre l-esponenti ma jixtieqx ikun aktar espost ghal xi djun li tista' tohloq martu;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) fl-ewwel lok, tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti u dana permezz ta' sentenza ai termini ta' l-artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(ii) tordna illi din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini ta' l-artikolu 55 (5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini ta' l-istess artikolu.

Dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni”.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-24 ta' Settembru 2013 li permezz taghha issottomettiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok jigi precizat li a kuntrarju ta' dak li ghamel il-konvenut, l-esponenti qatt ma esponiet lill-konvenut ghal djun.

2. Illi fit-tieni lok hemm biza' fondata li jekk tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti, l-fondi li gew trasferiti mill-konvenut, fost ohrajn lil missieru, jergghu jigu restirwiti lill-konvenut u/jew bihom jinxtraw assi f'isem il-konvenut pero' peress illi t-trasferiment/ akkwist isir wara d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ikun iktar difficli ghall-esponenti li tiehu sehemha mill-istess.

3. Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment ma thossx li jkun opportun li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata f'dan l-istadju."

Rat l-atti l-ohra.

Ikkonsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

L-oggezzjoni principali tal-attrici ghat-talba tal-konvenut in dizamina hi fis-sens illi jekk tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-kawza hemm il-possibilta' li l-fondi li skont l-attrici gew trasferiti mill-konvenut lill-terzi jergghu jigu restitwiti lill-konvenut jew bihom jixtri assi f'ismu li ma jidhlux fil-komunjoni allura inezistenti.

Fil-fehma tal-Qorti tali argument m'ghandu l-ebda fondament legali u ma hux gustifikat in kwantu l-attrici ghandha ghad-disposizzjoni taghha rimedji kawtelatorji sabiex tilqa' ghall-preokkupazzjoni minnha ventilata. Fir-realta' din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex l-attrici ghandha tillamenta minn dak minnha previst tenut kont illi f'kaz li l-eventwalita' minnha kontemplata tissuccedi u tigi ppruvata hija konsiderazzjoni li l-Qorti tista' tiehu fl-ghoti tas-sentenza finali.

Il-Qorti ma qed tara l-ebda htiega li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigre millum 'il quddiem.

Ezami tal-artikolu 55 juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza *in parte* ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat".

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-istess attrici talbet fir-rikors promotur taghha sabiex il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet u li tigi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-ilment tal-attrici kif minnha espost fir-risposta taghha ma jammontax ghall-"pregudizzju mhux proporzjonat".

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.
2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-konvenut.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------